KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
81 Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

SLIEMA LOCAL COUNCIL
81 Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
E: sliema.lc@gov.mt
W: sliemalc.gov.mt/en/

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TA' L-GĦAXAR LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 04

Ir-Raba' seduta ta' l-għaxar leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar il-Erbgħa 18 ta' Settembru 2024 fis-6pm ġo sala ġewwa The Palace Hotel, Triq il-Kbira Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Wallace Baldacchino | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Joe Aqulina | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Vivienne Galea Pace | Kunsilliera |
| | Jacqueline Higgans | Kunsilliera |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Zack Zammit | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Ryan Borg | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Muscat | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċċjali Prinċipali |

*Is-Seduta bdiet b'din l-aġenda fis-6:15pm*

4.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 2 u 3;
4.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
4.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:
4.5 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report 2*
4.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;
4.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
4.8 Mozzjonijiet;
4.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

---

## 4.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

4.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv rċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-kunsillier Ryan Borg

## 4.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦAT NUMRU 2 U 3

4.2.1 *Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħat 2 u 3 għall-approvazzjoni tal-Kunsill*

Il-Kunsillier L Borg ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti u kien s-sekondat mill-kunsillier D Soler. Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti.

## 4.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

4.3.1 **Infrastructure Malta:** *Laqgħa ma' l-IM*

Is-Sindku flimkien mas-Seg. Eżek. Kienu preżenti Laqgħa ma' l-Infrastructure Malta u mas-Sur Kevin Fsadni ta' l-MTA. L-MTA ser iħallsu l-ispejjeż kollha għal proġett ta' pavimentarn tal-bankini ta' Triq Dingli, kif ukoll id-dawra ta' Dingli Circus.
> It-Tlieta ser niltaqgħu mal-Perit sabiex nibdew bil-pjanti u nitolbu stima tax-xogħolijiet
> Illum kelli konferma li din is-sena ser jibda ix-xogħol fuq Triq Tigne'

4.3.2 **Ticket booths:** *Ticket Booths tax-Xatt*

Is-Sindku kellu diskussjoni mal-Ministru tat-Turiżmu fejn staqsa meta ser jibda x-xogħol biex jitnaqssu u jiġu relokati it-ticket booths. Iddentifikajna tlett żoni fix-Xatt (biex tintgħażel waħda) fejn it-ticket booths ser jitpoġġew. (bejn sitta u tmienja)

Il-Kunsillier J Aquilina saqsa minn huwa responsabbli biex jitneħħew it-ticket booths tax-Xatt?

Is-Sindku wieġeb li l-kunsill għandu *by-law* li ġiet emmendata fl-2024. Hu spjega li fl-emenda li saret ġie stipulate li ticket booths ser ikollom żona

ddedikata għalihom u din ser tkun ġewwa f'żona apposta u waħda mhux ta' daqs kbir fuq il-bankina tax-Xatt. Kompla jgħid li l-awtorita' ta' l-artijiet u tat-turiżmu, flimkien mal-kunsill lokali ser ikunu responsabbli sabiex jiktbu lis-sidien u l-operaturi tat-*ticket booths*.

4.3.3 **Problema tad-dranaġġ:** *Problema tad-dranaġġ*

Is-Sindku qal li wara li kellu laqgħa ma WSC sabiex jispjega li ġewwa x-Xatt kien problema ta' mblukkar tad-dranaġġ f'xi tappieri, hu ħabbar li ser isir tindif ta' dawn it-tappieri fil-jim li ġejjien.

Il-Kunsillier J Aquilina saqsa jekk dawk is-sidien tal-ħwienet li ġew imsaqqsa sabiex ineħħu l-pjattaformi biex isir tiswijja fil-kanen tad-dranaġġ, humiex ser jerġgħu jitħallew ipoġġu l-pjattaformi f'posthom.

Is-Sindku rrisponda billi qal li, iva, l-pjattaformi ser jerġgħu jitpoġġew fejn kienu.

4.3.4 **Konferenza Vjal Kulħadd**: *Vjal Kulħadd*

Is-Sindku attenda għal konferenza organnizata mit-Transport Mlata, bit-tema, Vjal Kulħadd, fejn ġiet diskussa fost affarijiet oħra l-ammont ta' 10 miljun ewro fondi għal upgrading ta' toroq/pjazzez li jistgħu jinbiddlu f'żoni pedonali.

- **Il-Viċi Sindku** saqsa kemm hemm postijiet li l-kunsill jista' jiddentifika sabiex jagħmel żoni pedonali għar-residenti u semmha:

1. Taħt il-loġġoġ ġewwa triq Manwel Dimech (triq il-ħnejjiet)
2. Semma ukoll ix-Xatt (fejn hemm il-monument tal-gwerra, biex ikun jista' *open space* biex jitgawda minn kulħadd.

- **Il-Kunsillier J Aquilina** saqsa jekk il-kunsill jista' japplika għal dawn il-fondi biex jiġi ittranġat il-ħajt tal-Ġnien Indipendenza?
- **Is-Sindku** qal li fil-ġimgħa li ġejja ser ikollu laqgħa fl-istess Ġnien mas-Segretarju Parlamentari l-Ono. Omar Farrugia fejn ser juriħ l-istat ħażin tal-ħajt tad-dawra tal-ġnien u ser jara kif flimkien mal-PWD isir pjan ta' ħidma biex il-ħajt jiġi rrestawrat u mibdul fejn jeħtieġ.

- **Il-Kunsillier K Wain** saqsa jekk hemm ħsieb mill-Gvern ċentrali biex isir tip ta' kumpens fil-forma ta' parkeġġ għar-residenti meta isiru studji fuq fejn jistgħu isiru żoni pedonali.
- Is-Sindku qal li qed jistenna risposta mill-Ministru tat-Trasport sabiex jingħata data għal laqgħa fejn fost oħrajn ser jiġu diskuss il-parkeġġ residenzjali.

4.3.5 **Xogħol fi Triq Bisazza:** *Triq Bisazza*

Is-Sindku qal li qed jitkompla x-xogħol ta' fanali u bankijiet.
Kif ukoll irċevejna l-permessi kollha sabiex jibda x-xogħol tal-monument il-ġdid, inkluż it-tneħħija tal-monument eżistenti. Ix-xogħol ser jibda f'Ottubru.

- Il-Kunsillier J Dougall saqsa jekk il-fustun ser jinqala' qabel ma jibda l-proġett tat-tibdil ta' l-arbli tad-dawl fix-Xatt.

- Is-Sindku qal li sa l-ewwel ġimgħa t'Ottubru l-fustin ser jitneħħa

- Il-Kunsillier J Dougall saqsa meta ser jitlesta x-xogħol f'din it-triq

- Is-Sindku wieġeb li l-pjan huwa li sa Diċembru x-xogħol kollu jitlesta nkluż il-monument.

4.3.6 *Stedina għal-żjara fil-Moldova*

**Stedina għal Moldova:**
Is-Sindku spjega li ser isiru laqgħat biex jiġu diskussi attivitajiet bejn xi bliet Ewropew rigward l-isports u l-attivita' fiżika. Għaldaqstant irċevejna sabiex ikun mistieden ukoll il-kunsillier li huwa responsabbli ta' l-isports, Wallace Baldacchino.

- Il-Kunsilliera V Galea Pace staqsiet x'ser tiggwadajna tas-Sliema minn din iż-żjara fil-Moldova?

- Is-Sindku qal li ser jara li din ż-żjara ser tkun waħda fejn ser isiru programmi ta' skambji bejn iż-żewġ ibliet speċjalment fl-isports.

*Il-Kunsillier E Borg saqsa għal minuta silenzju bħala rispett lejn l-ex Onor. u ex Sindku ta' San Ġiljan, Karl Gouder li ħalliena aktar kmien Il-Ġimgħa li għaddiet. Il-kunsillieri preżenti osservaw minuta silenzju.*

Il-Viċi Sindku ssuġerixxa biex il-kunsill jara jekk jistgħax jibda jorgannizza lagħaqt apposta sabiex jinkuraġixxi nies biex ifittxu l-għajnuna u fl-istess ħin jiksbu aktar informazzjoni dwar is-saħħa mentali.

Il-Kunsilliera J Higgans qalet li d-dekasteru li hi ija responsabbli għalih ser tkun qed taħdem flimkien mal-kunsillier Z Zammit sabiex jibdew jiġu organizzati dawn it-tip ta' laqgħat.

*Il-kunsillier E Borg telaq mill-laqgħa fis-7:35pm*

4.4 **TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA**

4.4.1 Is-Seg. Eżek. qal li beda l-proċess biex jiġi mpjegat/a *projects manager* fil-kunsill fuq bażi *full-time*

4.4.2 Is-Seg. Eżek spjega li beda jinħadem ic-CFQ għad-dawl tal-Milied biex jintramaw it-toroq.

---

4.4.3 Il-kunsillier Z Zammit staqsa jekk il-kunsill qatt għamel studju dwar *carrying capacity* fil-lokalita'?

- Is-Sindku rrisponda li ser jara li jitkellem ma l-entitajiet governattivi sabiex jkunu jistgħu jassistu l-kunsill fl-ispejjeż biex isir dan l-istudju.

Il-kunsillier Z Zammit saqsa jekk il-kunsillieri jistgħu jkollom aċċess onlajn folder tal-pjan ta' ħidma tal-ħaddiema sabiex ikunu nfurmati dwar ix-xogħolijiet li qed isiru minn naħa ta' l-uffiċċju.

- Is-Seg. Eżek. spjega li ma jsib l-ebda problema sabiex jagħti aċċess lil min irid jara dan il-folder onlajn.

Il-kunsillier Z Zammit saqsa jekk jistgħax isir iktar rondi għal ġbir ta' skart.

- Il-Viċi Sindku qal li jekk jkun hemm sitwazzjonijiet fejn irid jinġabar skart li intrema' f'żoni partikolari tal-lokal, dan jista' jsir billi wieħed jagħmel kuntatt direttament mal-CleanMalta.

4.4.4 Il-Kunsillier D Soler saqsa jekk ser jitkomplu jsiru iktar toroq u bankini.

- Is-Sindku spjega li diġa' qed isiur numru ta' toroq u fix-xhur li ġejjien ser isiru ħafna iżjed toroq u bankini mill-kunsill b'koperazzjoni mal-Enemalta, WSC u l-IM.

4.4.5 Il-kunsillier K Wain staqsa jekk il-liġi dwar il-permessi tal-parkeġġ lill-*istreet hawkers* u nġenji oħra jistgħax isir infurzar biex dawn ma jibqgħux jieħdu parkeġġ tar-residenti, b'mod xi kultant fil-fehma tiegħu abbusiv.

- Is-Sindku spjega li jekk vettura għandha liċenzja valida allura

din tista' tipparkja f'parkeġġ pubbliku għal tul ta' żmien illimitat.

4.4.6 Il-kunsillier W Baldacchino qal li wasal iż-żmien li l-kunsill jirranġa l-by-law dwar l-iskips, u biex l-iskips li li hemm ix-Xatt li huma ta' l-istabilimenti ta' l-ikel jiġu mdawwrin u magħluqin b'mod pulit u li ż-żona tinżamm nadifa mis-sidien ta' dawn il-ħwienet.

4.4.7 Il-kunsilliera V Galea Pace saqsiet għalfejn hemm ħofra fil-parkeġġ pubbliku tax-Xatt, fejn din trid timtela'.

- Is-Sindku spjega li dan il-parkeġġ jaqa taħt ir-responsabbiltà tat-TM.

## 4.5 APPROVAZZJONI TAL-*QUARTERLY FINANCIAL REPORT Num.02*

4.5.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-quarterly financial report lil kunsillieri preżenti.

**Dan ġie approvat bi qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti, minbarra l-kunsillieri peress li dawn ma kienux parti mill-kunsill preċedenti.**

## 4.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI JEW SOTTO KUMITATI

4.6.1 Il-Viċi Sindku spjega li ser isir Clean Up fiż-żona tal-bajja ta' l-Exiles u ta' d-dettalji ta' din l-attivita' u Clean Up oħra bl-isem ta' *Malta Trash Hunt*.

4.6.2 Il-Viċi Sindku qal li bdew jitwaħħlu CCTV kameras madwar il-lokalita' ħabba l-problemi li qed isib il-kunsill bl-iskart li qed jiġi mormi bl-addoċċ f'kantunieri u postijiet oħra.

4.6.3 Il-Viċi Sindku qal li l-ħasil tat-toroq u bankini tkompla fil-ġimgħat li għaddew u fil-ġimgħat li ġejjien ser isir pjan biex isir tindif tax-Xatt bejn il-forestals u l-Busy Bee.

4.6.4 Il-Viċi Sindku qal li hemm bżonn li l-monument tal-gwerra li jinsab ix-Xatt jiġi msewwi u isir *embelishment* suriet in-nies madwar l-istess monument.

***Il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti.***

***Il-Viċi Sindku ġie skużat u telgħaq mill-laqgħa fit-8:45pm***

4.6.5 Il-kunsillier J Aquilina saqsa dwar il-funtani (*drinking fountains*) li hemm

madwar il-promenade, rrimarka li hemm waħda biss taħdem u saqsa ta' min hi ir-responsabbilita' għal manutenzjoni u tindif ta' dawn il-funtani.

- Is-Sindku qal li sakemm il-kunsill iħallas il-kont ta' l-ilma dawn il-funtani mhumiex ser jkollom ebda ilma.

4.6.6 Il-kunsillier J Aquilina saqsa jekk il-kunsill għandux *communication policy.* Hu spjega li jaħseb li l-kunsill għandu jagħmel strateġija ħabba l-midja soċjali.

- Is-Seg. Eżek. spjega x'inhi l-istrateġija preżenti tal-kunsill u liema posts jiġu pubblikati fuq il-midja soċjali tal-kunsill.

4.6.7 Il-Kunsillier W Baldacchino spjega dwar l-organizazzjoni ta' Sliema Sports Day. Qal li fil-ġimgħat li ġejjien ser ikun qed jaħdem fuq program apposta għal din l-attivita'

## 4.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

4.7.1 Ġiet imressqa l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-kunsill *Approvazzjoni tal-pagamenti*
**Il-kunsilliera J Higgans ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.**

**Il-kunsillier J Aquilina kien is-sekondat.**

**Kien hemm qbil fost il-kunsilliera preżenti.**

## 4.8 MOZZJONIJIET

4.8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

## 4.9 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

4.9.1 Is-seduta ntemmet fil-9:15pm.

Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tlieta it-15 t'Ottubru, 2024, fis-6pm.

Minuti Approvati Ilum 15 t'Ottubru 2024

**John Pillow**

**Sindku**

**Pierre P Portelli**

**Segretarju Eżekuttiv**